

Fl-aħħar lok, ir-rikorreni ssostrni li d-deċiżjoni kkontestata mhi-jjix motivata biżżejjed u b'hekk tikser l-Artikolu 253 KE.

(¹) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

Rikors imressaq fil-5 ta' Ġunju 2007 — Dyckerhoff Polska vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-196/07)

(2007/C 170/72)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorreni: Dyckerhoff Polska (rappreżentanti: P.K. Rosiak, konsulent legali u F. Puel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorreni

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2007 dwar il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ppreżentat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorreni titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea K (2007) 1295, fil-verżjoni finali tagħha tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ppreżentat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE (¹) li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li ċerti aspetti tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' CO₂ għall-perijodu 2008-2012, innotifikat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2006, mhumiex konformi ma' l-Artikoli 9(1), 9(3), 10, 13(2) kif ukoll mal-kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE. Id-deċiżjoni kkontestata tnaqqas b'26.7 % il-limitu ta' emissjonijiet ta' dijossidu karboniku għall-perijodu 2008-2012 meta mqabbel mal-limitu propost mill-Polonja fil-pjan nazzjonali tagħha ta' allokkazzjonijiet tal-kwoti nnotifikat lill-Kummissjoni.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma identiċi għal dawk fil-kawża T-195/07.

(¹) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2007 — Grupa Ożarów vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-197/07)

(2007/C 170/73)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

Partijiet

Rikorreni: Grupa Ożarów (rappreżentanti: P.K. Rosiak, konsulent legali, u F. Puel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorreni

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2007 dwar il-pjan nazzjonali ta' l-allokkazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE;
- tordna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbatli l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorreni titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2007) 1295, fl-aħħar verżjoni tagħha tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' l-allokkazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, innotifikat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE (¹), li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li ċerti aspetti tal-pjan nazzjonali ta' l-allokkazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' CO₂ għall-perijodu 2008-2012, innotifikat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2006, mhumiex konformi ma' l-Artikoli 9(1) u (3), 10 u 13(2) kif ukoll mal-kriterji li jinsabu fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE. Id-Deċiżjoni kkontestata tnaqqas b'26.7 % l-limitu ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għas-snien 2008-2012 meta mqabbel mal-limitu propost mill-Polonja fil-pjan nazzjonali tagħha ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet innotifikat lill-Kummissjoni.